REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/684

tat-28 ta' April 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid galatto-oligosakkarid

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li huwa biss l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni li jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) stabbilixxa lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid.

(3) Il-lista tal-Unjoni stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 tinkludi l-galatto-oligosakkarid bħala ikel ġdid awtorizzat.

(4) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), il-galatto-oligosakkarid ġie awtorizzat biex jitqiegħed fis-suq bħala ikel ġdid għall-użu f'diversi ikel, inkluż il-formula tat-trabi u l-formula tal-prosegwiment kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/900 ([5]) awtorizza bidla fil-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid galatto-oligosakkarid. B'mod partikolari, il-livell tal-użu tal-ikel ġdid galatto-oligosakkarid fis-supplimenti tal-ikel kif definit fid-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) żdied minn 0,333 kg galatto-oligosakkarid/kg ta' suppliment tal-ikel (33,3 %) għal 0,450 kg galatto-oligosakkarid/kg ta' suppliment tal-ikel (45,0 %) għall-popolazzjoni ġenerali, eskluż it-trabi u t-tfal żgħar.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid, ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/900 tat-3 ta' Ġunju 2021 li jawtorizza bidla fil-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid "galatto-oligosakkarid" skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 (ĠU L 197, 4.6.2021, p. 71).

([6]) Id-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel (ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51).

(6) Fid-19 ta' Novembru 2019, il-kumpanija Dairy Crest Ltd li tinnegozja bħala Saputo Dairy UK ("l-applikant") ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 għal emenda tal-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid galatto-oligosakkarid. L-applikant talab li jiġi estiż l-użu tal-galatto-oligosakkarid għall-ħelu tal-ħalib, għall-ġobon u għall-ġobon ipproċessat, għall-butir u għall-ispreads maħsuba għall-popolazzjoni ġenerali.

(7) F'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283, fil-21 ta' Diċembru 2020 il-Kummissjoni kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), u talbitha tagħti opinjoni xjentifika billi twettaq valutazzjoni tal-estensjoni proposta tal-użu tal-ikel ġdid galatto-oligosakkarid.

(8) Fl-14 ta' Settembru 2021, l-Awtorità adottat l-opinjoni xjentifika tagħha "Safety of the extension of use of galacto-oligosaccharides as a Novel food pursuant to Regulation (UE) 2015/2283" ([7]) f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(9) Fl-opinjoni xjentifika tagħha, l-Awtorità kkonkludiet li l-ikel ġdid li huwa magħmul minn ≥ 57 % ta' materja niexfa ta' galatto-oligosakkarid, ta' lattożju u ta' sakkaridi relatati, huwa sikur skont l-estensjoni proposta tal-użu fil-ħelu tal-ħalib, fil-ġobon u fil-ġobon ipproċessat, fil-butir u fl-ispreads, u għalhekk jixraq li jiġu emendati l-kundizzjonijiet tal-użu tal-galatto-oligosakkarid.

(10) L-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni u fl-opinjoni tal-Awtorità jagħtu biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-bidliet proposti fil-kundizzjonijiet tal-użu tal-ikel ġdid huma konformi mal-Artikolu 9 u l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 u jenħtieġ li jiġu approvati.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([7]) *EFSA Journal* 2021;19(10):6844.

ANNESS

Fit-Tabella 1 (Ikel ġdid awtorizzat) tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470, l-entrata għal "galatto-oligosakkarid" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ikel ġdid awtorizzat	Kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel ġdid		Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi ohrajn	Rekwiżiti ohra	Protezzjoni tad-*data*
Galatto-oligosakkarid	*Kategorija tal-ikel speċifikat*	*Livelli massimi (espressi bħala proporzjon f'kull kilogramma ta' galatto-oligosakkarid/kg tal-prodott tal-ikel finali)*			
	Supplimenti tal-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE	0,333			
	Supplimenti tal-ikel kif definiti fid-Direttiva 2002/46/KE, minbarra t-trabi u t-tfal żgħar	0,450 (li jikkorrispondi għal 5,4 g galatto-oligosakkarid/porzjon; massimu ta' 3 porzjonijiet/kuljum sa massimu ta' 16,2 g/kuljum)			
	~~H~~alib	0,020			
	Xarbiet magħmulin mill-ħalib	0,030			
	Sostitut ta' ikla għall-kontroll tal-piż (fl-għamla ta' xarbiet)	0,020			
	Xarbiet analogi għal dawk magħmulin mill-ħalib	0,020			
	Jogurt	0,033			
	Dežerti magħmulin mill-ħalib	0,043			
	Dežerti magħmulin mill-ħalib iffriżati	0,043			
	Xarbiet magħmulin mill-frott u xarbiet li jagħtu l-enerġija	0,021			
	Xarbiet li jissostitwixxu l-ikel għat-trabi	0,012			
	Meraq għat-trabi	0,025			
	Xarbiet tal-jogurt għat-trabi	0,024			
	Dežerti għat-trabi	0,027			
	Snacks għat-trabi	0,143			
	Ċereali għat-trabi	0,027			
	Xarbiet maħsubin biex jagħmlu tajjeb għall-użu ta' sforz muskolari qawwi magħmulin b'mod speċjali għall-isportivi	0,013			

	Meraq	0,021			
	Mili tat-torti tal-frott	0,059			
	Preparazzjonijiet tal-frott	0,125			
	Bars	0,125			
	Ċereali	0,125			
	Formula tat-trabi u formula tal-prosegwiment kif definit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013	0,008			
	Ħelu tal-ħalib	0,05			
	Ġobon u ġobon ipproċessat	0,1			
	Butir u xaħmijiet li jistgħu jiddelku	0,1”			